REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1350

tat-3 ta' Awwissu 2015

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 461/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2603/2000 [2], il-Kunsill impona dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat ("PET") li joriġina, inter alia, fl-Indja. Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2005 [3], il-Kunsill emenda l-livell tal-miżuri kompensatorji fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet ta' PET mill-Indja. L-emendi kienu r-riżultat ta' rieżami aċċelerat li nbeda skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009. Wara rieżami ta' skadenza u permezz tar-Regolament (KE) Nru 193/2007 [4], il-Kunsill impona dazju kompensatorju definittiv għal perjodu ulterjuri ta' ħames snin. Il-miżuri kompensatorji suċċessivament ġew emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1286/2008 [5] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 906/2011 [6], wara rieżamijiet interim parzjali. Rieżami interim parzjali aktar tard intemmet mingħajr ma ġew emendati l-miżuri fis-seħħ bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 559/2012 [7]. Wara rieżami ieħor ta' skadenza u permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 461/2013 [8], il-Kunsill impona dazju kompensatorju definittiv għal perjodu ulterjuri ta' ħames snin. Bid-Deċiżjoni 2000/745/KE [9] l-Kummissjoni aċċettat impenji li jistabbilixxu prezz minimu tal-importazzjoni minn tliet produtturi esportaturi fl-Indja. Bid-Deċiżjoni Implimentattiva 2014/109/UE [10], il-Kummissjoni rtirat l-aċċettazzjoni tal-impenji, minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi li l-impenji kienu aċċettati taħthom.

---

[1] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2603/2000 tas-27 ta' Novembru 2000 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja, il-Malajsja u t-Tajlandja u jtemm il-proċediment anti-sussidju dwar importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat li joriġina mill-Indonesja, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan (ĠU L 301, 30.11.2000, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2005 tas- 6 ta' Ottubru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2603/2000 li jimponi taxxa kompensatorja definittiva fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat tal-poljetilene li joriġina, inter alia, mill-Indja (ĠU L 266, 11.10.2005, p. 1).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 193/2007 tas-22 ta' Frar 2007 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjoni ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja wara reviżjoni ta' għeluq iż-żmien skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 (ĠU L 59, 27.2.2007, p. 34).

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1286/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 193/2007, li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethtlene terephthalate, li joriġina mill-Indja u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethtlene terephthalate, li joriġina, inter alia, fl-Indja (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 906/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 193/2007, li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' polyethtlene terephthalate, li joriġina mill-Indja u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu polyethtlene terephthalate, li joriġina, inter alia, fl-Indja (ĠU L 232, 9.9.2011, p. 19).

[7] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 559/2012 tas- 26 ta' Ġunju 2012 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna l-miżuri kompensatorji dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat tal-poljetilene (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja (ĠU L 168, 28.6.2012, p. 6).

[8] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 461/2013 tal-21 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalatli (PET) li joriġina mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 137, 23.5.2013, p. 1).

[9] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/745/KE tad-29 ta' Novembru 2000 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċedimenti tal-antidumping u kontra s-sussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja, l-Indoneżja, il-Malasja u r-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan u t-Tajlandja (ĠU L 301, 30.11.2000, p. 88).

[10] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal-4 ta' Frar 2014 li thassar id-Deċiżjoni 2000/745/KE li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċedimenti tal-antidumping u kontra s-sussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja (ĠU L 59, 28.2.2014, p. 35).

(2) Il-miżuri fis-seħħ jikkonsistu minn dazju kompensatorju speċifiku li jvarja bejn 0 u 106,5 EUR għal kull tunnellata għall-produtturi Indjani msemmija individwalment b'rata residwa ta' 69,4 EUR għal kull tunnellata imposta fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi l-oħra kollha.

1.2. **Il-bidu ta' żewġ rieżaminazzjonijiet interim parzjali**

(3) Żewġ talbiet għal rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku ġew ippreżentati rispettivament minn Dhunseri Petrochem & Tea Limited ("Dhunseri") u minn Reliance Industries Limited ("Reliance"), produtturi esportaturi Indjani tal-PET ("ir-rikorrenti"). It-talbiet kienu limitati fl-ambitu għall-eżaminazzjoni tas-sussidjar rispettiv sa fejn ir-rikorrenti kienu kkonċernati.

(4) Ir-rikorrenti ipprovdew evidenza prima facie li l-issoktar tal-applikazzjoni tal-miżuri fil-livell attwalitagħhom ma kienx aktar meħtieġ biex jitpatta s-sussidju kompensabbli. B'mod partikolari, ir-rikorrenti pprovdew evidenza prima facie li turi li l-ammont tas-sussidju rispettiv tagħhom naqas sew taħt ir-rati ta' dazju li bħalissa hija applikabbli għalihom.

(5) Fil-każ ta' Dhunseri, dan it-tnaqqis fil-livell ta' sussidju ġenerali jkun minħabba t-tmiem tal-Istatus tal-Unità li hu Orjentat mal-Esportazzjoni u għat-tnaqqis fid-dazji ta' importazzjoni applikabbli għall-materji primi użati għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat bħala riżultat tal-investigazzjoni li wasslet għal-livell attwali ta' miżuri.

(6) Fil-każ ta' Reliance, dan it-tnaqqis fil-livell tas-sussidju globali jkun dovut għat-terminazzjoni ta' applikabbiltà tal-Iskema ta' Kreditu ta' Dazju fuq l-Importazzjoni u l-Iskema taċ-Ċertifikat tal-Inċentivi għad-Detenturi tal-Istatus u t-tnaqqis ta' ammonti gwadanjati mill-applikant fir-rigward ta' skemi oħrajn, bħall-Iskema tas-Suq Iffokat, l-Iskema tal-Prodott Iffukat, l-Iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem u l-Iskema għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali.

(7) Wara li ddeterminat li kull talba kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie*, permezz ta' żewġ notifiki, fis-6 ta' Ġunju 2014 ([1]) u fl-1 ta' Awwissu 2014 ([2]) rispettivament, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Ir-rieżaminazzjonijiet kienu limitati fl-iskop tagħhom għall-eżami tas-sussidjar fir-rigward tar-rikorrenti individwali.

1.3. **Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni**

(8) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikanti lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni dwar il-bidu tar-rieżami Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu smigħ saż-żmien stipulat fl-avviżi tal-bidu.

(9) Reliance talbetu ngħatat seduta ta' smigħ.

(10) Sabiex tikseb it-tagħrif li qieset meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lir-rikorrenti u lill-Gvern tal-Indja ("GOI") u rċeviet tweġibiet fi żmien l-iskadenzi stipulati għal dan l-għan.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ għad-determinazzjoni tas-sussidju. Il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifika fuq il-post Dhunseri f'Kalkatau Reliance f'Mumbai, u fil-post tal-GOI fi New Delhi (Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ Barrani u l-Ministeru tal-Kummerċ) u f'Kolkota (Id-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija, il-Gvern tal-Bengal tal-Punent).

1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

(12) L-investigazzjoni tas-sussidju kopriet l-perijodu mill-1 ta' April 2013 sal-31 ta' Marzu 2014 ("il-perijodu tal-investigazzjoni ta'reviżjoni").

([1]) Avviż ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri ta' kompens applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja (ĠU C 171, 6.6.2014, p. 11).

([2]) Avviż ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri ta' kompens applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja (ĠU C 250, 1.8.2014, p. 11).

1.5. **Divulgazzjoni**

(13) Fis-16 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2015, il-GOI u l-partijiet interessati l-oħra kienu infurmati bil-fatti essenzjali u bil-konsiderazzjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tipproponi l-emenda tar-rati tad-dazju applikabbli għal Dhunseri u Reliance. Huma ngħataw ukoll żmien raġonevoli sabiex jikkummentaw. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti kollha kienu kkunsidrati dovutament kif stabbilit iktar 'il quddiem.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(14) Il-prodott kopert minn dan ir-rieżami huwa l-PET li għandu viskożità ta' 78 ml/g jew aktar, skont l-Istandard ISO 1628-5, ikklassifikat attwalment taħt il-kodiċi NM 3907 60 20 u li joriġina fl-Indja ("il-prodott ikkonċernat").

2.2. **Il-prodott simili**

(15) L-investigazzjoni żvelat li l-prodott ikkonċernat, huwa identiku f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u tal-użi mal-prodott magħmul u mibjugħ fis-suq domestiku fl-Indja. Għalhekk, ġie konkluż li skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku l-prodotti mibjugħa fis-suq domestiku u fis-suq tal-esportazzjoni, huma prodotti simili.

3. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

3.1. **Is-sussidju**

(16) Abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-GOI u r-rikorrenti u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, ġew investigati l-iskemi li ġejjin li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji:

Skemi nazzjonali:

(a) Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advance Authorization Scheme — AAS)

(b) Skema ta' Rifużjoni tad-Dazju (DDS)

(c) Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni tal-Beni Kapitali ("EPCGS")

(d) L-Iskema tas-Suq Iffokat (FMS)

(e) Skema tal-Prodott Iffokat (FPS)

(f) Skema ta' Inċentivar tal-Esportazzjonijiet Inkrementali (IEIS)

(g) Inċentiv tat-Taxxa fuq id-Dħul għal Riċerka u Żvilupp ("ITIRAD")

Skemi reġjonali:

(h) Skemi ta' sussidju tal-Bengal tal-Punent/skemi ta' inċentivi tal-Gvern tal-Bengal tal-Punent (WBIS)

Allegatament mitmuma/skemi nazzjonali mhux applikabbli, li qabel kienu użati mir-rikorrenti:

(i) Skema ta' Unitajiet orjentati lejn l-esportazzjoni (Export Oriented Units — EOU) u Żoni Ekonomiċi Speċjali (Special Economic Zones — SEZ)

(j) L-Iskema tal-Passbook għall-Intitolament tad-Dazji ("DEPBS")

(k) Iċ-Ċertifikat tal-Inċentivi għad-Detenturi tal-Istatus (SHIS)

Allegatament mitmuma/skemi reġjonali mhux applikabbli, li qabel kienu użati mir-rikorrenti:

(l) Skema tal-Inċentiv tal-Investiment Kapitali tal-Gvern ta' Gujarat

(17) L-iskemi speċifikati fil-premessa (16) (a), (c) sa (f) u (i) sa (k) hawn fuq huma bbażati fuq l-Att dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) tal-1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI biex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. Dawn huma mogħtija fil-qosor fid-dokumenti tal-"Politika tal-Kummerċ Barrani", li jinħarġu mill-Ministeru tal-Kummerċ kull ħames snin u jiġu aġġornati regolarment. Id-dokument ta' Politika ta' Kummerċ Barrani rilevanti għall-perjodu ta' investigazzjoni ta' dan ir-rieżami huwa "Politika tal-Kummerċ Barrani 2009-2014" ("FTP 09-14"). Barra minn hekk, il-GTI jistabbilixxi wkoll il-proċeduri li jirregolaw l-FTP 09-14 f'"Manwal tal-Proċeduri, Volum I" ("HOP I 09-14"). Il-Manwal ta' Proċeduri huwa aġġornat fuq bażi regolari. Fl-1 ta' April 2015, il-Gvern tal-Indja ppubblika l-FTP il-ġdid għall-2015-2020, biex b'ħekk temm l-FMS u l-FPS.

(18) L-iskema speċifikata hawn fuq taħt il-premessa (16) (b) hija bbażata fuq taqsima 75 tal-Att dwar id-Dwana tal-1962, Taqsima 37 tal-Att tas-Sisa Ċentrali tal-1944, fuq taqsimiet 93 A u 94 tal-Att Finanzjarja tal-1994 u dwar id-Dwana, Dazji tas-Sisa Ċentrali u Regoli ta' Rifużjoni ta' Ttaxxa tas-Servizz tal-1995. Rati ta' rifużjoni huma ppubblikati fuq bażi regolari.

(19) L-iskema speċifikata hawn fuq taħt il-premessa (16) (g) hija bbażata fuq l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-1961 ("ITA"), li jiġi emendat bl-Att annwali dwar il-Finanzi.

(20) L-iskema speċifikata hawn fuq taħt il-premessa (16) (h) hija amministrata mill-Gvern tal-Bengal tal-Punent u stabbilita fin-notifika tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industriji tal-Gvern tal-Bengal tal-Punent Nru 580-CI/H tat-22 ta' Ġunju 1999.

(21) L-iskema speċifikata ta' hawn fuq taħt il-premessa (16) (l) aktar 'il fuq hija amministrata mill-Gvern ta' Gujarat u hija bbażata fuq il-politika dwar l-inċentivi industrijali ta' Gujarat.

(22) L-investigazzjoni żvelat li l-iskemi speċifikati aktar' il fuq fil-premessa 16 (i) sa (l) jew ġew terminati jew ma jistgħux jintużaw mir-rikorrenti.

3.2. **Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advance Authorization Scheme — AAS)**

(23) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li Reliance għamlet użu mill-AAS matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.2.1. *Bażi legali*

(24) Id-deskrizzjoni ddettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.14 tal-FTP 09-14 u l-Kapitoli minn 4.1 sa 4.30 tal-HOP I 09-14.

3.2.2. *Eliġibbiltà*

(25) L-"AAS" tikkonsisti f'sitt sotto-skemi, kif deskritti f'iktar dettall fil-premessa (26). Dawk is-sottoskemi huma differenti inter alia fl-ambitu tal-eliġibbiltà. Il-manifatturi-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta" ma' manifatturi ta' sostenn huma eliġibbli għall-esportazzjonijiet fiżiċi AAS u għall-AAS għal sottoskemi ta' rekwiżit annwali. Il-manifatturi esportaturi li jfornu l-esportatur finali huma eliġibbli għall-AAS għall-provvisti intermedji. Kuntratturi ewlenin li jfornu lill-kategoriji ta' "esportazzjoni preżunta" msemmija fil-paragrafu 8.2 tal-politika FTP-09-14, bħal forniturі ta' unità orjentata lejn l-esportazzjoni, huma eliġibbli għas-sottoskema tal-esportazzjoni preżunta tal-AAS. Eventwalment, forniturі intermedji għall-manifatturi-esportaturi huma eliġibbi għal benefiċċji ta' "esportazzjoni meqjusa" skont is-sottoskemi tal-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem ("ARO") u ħruġ ta' ittra ta' kreditu interna immedjatament kif tagħlaq dik ta' qabel.

3.2.3. *Implimentazzjoni prattika*

(26) L-AAS tista' tinħareġ għal:

(a) Esportazzjonijiet fiżiċi: Din hi s-sottoskema ewlenija. Tippermetti importazzjoni bla dazju ta' materjali ta' input għall-produzzjoni li tirriżulta fi prodott ta' esportazzjoni speċifiku. "Fiżiku" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Konċessjoni ta' importazzjoni u obbligu ta' esportazzjoni inkluż it-tip ta' prodott ta' esportazzjoni huma speċifikati fil-liċenzja;

(b) Rekwiżit annwali: Din l-awtorizzazzjoni mhix konnessa ma' prodott ta' esportazzjoni speċifiku, iżda ma' grupp ta' prodotti aktar wiesa' (eż. prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur ta' liċenzja jista'- sa ċertu limitu fil-valur iffissat skont kif tkun marret l-esportazzjoni fil-passat — jimporta bla ħlas ta' dazju kull input li jkun ser jintuża fil-manifattura ta' kull oġġett li jaqa' f'dan il-grupp ta' prodotti. Jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta u li huwa fil-grupp ta' produzzjoni li juża dan il-materjal eżenti mid-dazju;

(c) Provvisti intermedji: Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkun beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess ta' produzzjoni. Il-manifattur-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta materjali ta' input mingħajr dazju u jista' jikseb għal dan l-għan AAS għal provvisti intermedji. L-esportatur finali jiffinalizza l-produzzjoni u huwa obbligat li jesporta l-prodott lest;

(d) Esportazzjonijiet preżunti: Din is-sottoskema tippermetti lil kuntrattur prinċipali li jimporta bla ħlas ta' dazju x-xiri meħtieġa fil-produzzjoni ta' prodotti li se jinbiegħu bħala "esportazzjonijiet preżunti" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 8.2(b) sa (f), (g), (i) u (j) tal-FTP 09-14. Skont il-GTI, l-esportazzjoni preżunta tirreferi għal dawk it-tranżazzjonijiet fejn il-prodotti fornuti ma jħallux il-pajjiż. Numru ta' kategoriji ta' forniment huma kkunsidrati bħala prodotti meqjusa esportati sakemm il-prodotti jkunu mmanifatturati fl-Indja, pereż. forniment ta' prodotti lejn EOU(export-oriented unit) jew lejn kumpanija lokalizzata f'żona ekonomika speċjali;

(e) ARO: Id-detentur tal-AAS li jkollu l-intenzjoni jġib il-materjal meħtieġ fil-produzzjoni minn sorsi lokali, minflok minn importazzjoni diretta, għandu l-għażla li jġibhom permezz ta' AROs. F'dawn il-każijiet l-awtorizzazzjonijiet bil-quddiem huma validati bħala AROs u jiġu ffirmati lill-fornitur indiġenu wara kunsinna tal-prodotti speċifikati fiha. L-endorsjar tal-ARO tintitola lill-fornitur indiġenu għall-benefiċċji ta' esportazzjoni preżunta kif speċifikat fil-paragrafu 8.3 tal-FTP 09-14 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/oġġetti preżunti esportati, restituzzjoni ta' dazju mħallas fuq oġġetti preżunti esportati u rifużjoni ta' dazju tas-sisa finali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi t-taxxi u d-dazji lill-fornitur minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' restituzzjoni/rifużjoni tad-dazji. Ir-rifużjoni tat-taxxi/dazji hija disponibbli kemm għall-inputs indiġeni u kif ukoll għall-inputs importati;

(f) Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra: Din is-sottoskema tkopri għal darb'oħra provvisti indiġeni lil detentur tal-awtorizzazzjoni bil-quddiem. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem jista' jkellem lil xi bank biex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur fornitur indiġenu. L-awtorizzazzjoni tiġi vvalidata mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u l-volum ta' oġġetti miġjuba minn sorsi indiġeni minflok ma jkunu importati. Il-fornitur indiġenu jkun intitolat għall-benefiċċji ta' esportazzjoni preżunta kif stipulat fil-paragrafu 8.3 tal-politika FTP 09-14 (jiġifieri AAS għall-provvisti intermedji/oġġetti meqjusa bħala esportati, ħlas lura ta' dazju mħallas fuq oġġetti meqjusa bħala esportati u restituzzjoni ta' dazju tas-sisa finali).

(27) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami Reliance kompliet tuża biss waħda minn dawn iż-żewġ sottoskemi għall-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-AAS għall-esportazzjonijiet fiżiċi. Għalhekk, mhuwiex neċessarju li jkun stabbilit l-ammont ta' kumpens tas-sottoskemi mhux użati li jifdal.

(28) Rigward l-użu tal-AAS għal esportazzjonijiet fiżiċi msemmija fil-premessa (26) (a) il-konċessjoni ta' importazzjoni kif ukoll l-obbligu tal-esportazzjoni huma stabbiliti fil-volum u fil-valur mill-GOI u jiġu dokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Barra minn hekk, fil-mument tal-importazzjoni u l-esportazzjoni, it-transazzjonijiet li jikkorrispondu jridu jiġu dokumentati mill-uffiċjali tal-gvern fuq l-awtorizzazzjoni bil-quddiem. Il-volum tal-importazzjonjiet permessi skont l-AAS huwa ddeterminat mill-GTI fuq il-bażi ta' Regoli Standard ta' Input-Output ("SIONs") li jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott ikkonċernat.

(29) Għall-finijiet ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, id-detentur ta' Awtorizzazzjoni Avvanzata huwa obbligat bil-liġi biex iżomm reġistru ta' konsum attwali ta' prodotti importati/akkwistati lokalment mingħajr dazju għal kull awtorizzazzjoni, skont il-format preskritt (il-paragrafi 4.26, 4.30 u l-Appendiċi 23 tal-HOP I 09-14). Dan ir-reġistru għandu jkun ivverifikat minn kontabilist estern kwalifikat/kontabilist tal-ispejjeż u x-xogħol li joħroġ ċertifikat li jiddikjara li r-reġistri preskritti u rekords relevanti kienu eżaminati u li l-informazzjoni mogħtija skont l-Appendiċi 23 hija vera u korretta f'kull rigward.

(30) Il-materjal importat biex jintuża bħala input ma jkunx transferibbli u jrid jintuża biex ikun maħdum il-prodott speċifiku esportat li jirriżulta. L-obbligu ta' esportazzjoni għandu jkun issodisfat fil-limitu ta' żmien preskritt wara l-ħruġ tal-liċenzja (24 xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' sitt (6) xhur kull wieħed).

(31) Il-Kummissjoni stess stabbilixxiet li ma hemm l-ebda konnessjoni bejn ix-xiri importati u l-prodotti lesti esportati. Il-materjali eliġibbli ta' input huma wkoll importati u użati għal prodotti oħra għajr il-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, il-liċenzji għal diversi prodotti jistgħu jingabbru flimkien u fil-fatt hekk qed isir. Dan ifisser li l-esportazzjonijiet koperti mil-liċenzja AAS ta' prodott wieħed tista' tagħti dritt għal importazzjonijiet ħielsa mid-dazju ta' inputs koperti mill-istess liċenzja AAS għal prodott ieħor. Matul iż-żjara ta' verifika mwettqa mill-Kummissjoni, Reliance ikkonfermat li minħabba dan in-nuqqas ta' rabta ċara, il-konsum ta' inputs qed jiġi rrapportat fuq il-bażi ta' SIONs. Rigward ir-rekwiżiti tal-verifika li ssir referenza għalihom fil-premessa (29) ta' dan ir-Regoalment, ma nżammu ebda rekords mill-kumpaniji li jevidenzjaw li sar l-awditu estern. Fil-qosor, il-Kummissjoni kkonkludiet li Reliance ma setgħetx uri li ġew issodisfati d-dispożizzjonijiet relevanti tal-FTP.

3.2.4. *Konklużjoni dwar l-AAS*

(32) L-eżenzjoni mid-dazji ta' importazzjoni hija sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri kontribut finanzjarju tal-Gvern tal-Indja peress li tnaqqas id-dħul mid-dazju li kieku kien ikun dovut u għax tagħti benefiċċju lill-esportaturi investigati peress li ttejjeb il-likwidità tagħhom.

(33) Mingħajr impenn li tesporta, kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji minn din l-iskema. Is-sottoskema kkonċernata fil-każ preżenti hija għalhekk kjarament kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk meqjusa bħala speċifiċi u kompensatorju skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(34) Is-sottoskema kkonċernata fil-każ preżenti ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' rtirar jew sistema sostituta ta' rifużjoni ta' dazju fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, partita (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għal sostituzzjoni tar-restituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-GTI ma applikax sistema jew proċedura ta' verifika b'mod effettiv biex jikkonferma jekk l-inputs għall-produzzjoni ġewx ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi ta' sostituzzjoni għar-restituzzjoni ta' dazju, l-Anness (III)(II)(2) tar-Regolament bażiku). Huwa kkunsidrat ukoll li l-SIONs għall-prodott ikkonċernat ma kinux preċiżi biżżejjed u li fihom infushom ma jistgħux jikkostitwixxu sistema ta' verifika ta' konsum attwali peress li t-tfassil ta' dawk in-normi standard ma jippermettix li l-GTI jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti x'ammonti ta' inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, il-GTI ma għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti, għalkemm normalment ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(II)(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku).

(35) Is-sottoskema msemmija fil-premessa (26) (a) hija għalhekk kompensatorji.

3.2.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(36) Fin-nuqqas ta' sistemi awtorizzati ta' restituzzjoni ta' dazju jew jew sistemi sostituti ta' restituzzjoni, il-benefiċċju kumpensabbli huwa r-remissjoni ta' dazji ta' importazzjoni totali normalment dovuti mal-importazzjoni tal-inputs. F'dan ir-rigward, huwa osservat li r-Regolament bażiku ma jipprovdix biss għall-ammont kumpensatorju tar-remissjoni "żejda" mid-dazji. Skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Anness I(i) tar-Regolament bażiku hija biss ir-remissjoni eċċessiva ta' dazji li tista' tiġi kkompensata meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Madanakollu, dawn il-kundizzjonijeit ma kienux sodisfatti fil-każ preżenti. Għalhekk, jekk ma jintweriex proċess ta' sorveljanza adegwat, l-eċċezzjoni msemmija fuq għal skemi ta' restituzzjoni tad-dazju mhijiex applikabbli u r-regola normali tal-għoti ta' kumpens għall-ammont ta' dazji mhux imħallsa (dħul ċedut), tapplika, aktar milli kwalunkwe remissjoni żejda intenzjonata. Kif stabbilit fl-Annessi II(II) u III(II) tar-Regolament bażiku, mhijiex ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-investigazzjoni li tikkalkula din ir-remissjoni żejda. Bil-maqlub ta' dan, skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha tistabbilixxi biss evidenza suffiċjenti sabiex tirrifjuta l-adegwatezza tas-sistema ta' verifika allegata.

(37) Kif spjegat fil-premessa (31), l-intitolament għall-benefiċċju (jiġifieri l-esportazzjoni bil-liċenzja) u l-għoti tal-benefiċċju (jiġifieri importazzjoni ħielsa mid-dazju tal-input) huma marbutin biss b'mod laxk ma' xulxin.

Ma għandhomx għalfejn iseħħu f'xi ordni jew prossimità ta' żmein partikolari. Huwa għalhekk possibbli li filwaqt li l-intitolament iseħħ matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, l-għoti relatat jista' jseħħ kemm qabel kif ukoll wara l-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Barra minn hekk, permezz ta' ġbir flimkien, l-intitolament għall-benefiċċji skont liċenzja għal prodott wieħed jista' jiġi trasferiti sabiex fl-aħħar mill-aħħar ikun ta' benefiċċju għal prodott ieħor.

(38) Fl-investigazzjoni li wasslet għal-livell attwali ta' dazju għal Reliance, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 906/2011 ("ir-Regolament preċedenti"), l-ammont tas-sussidju li ġej mill-AAS kien ikkalkulat għal Reliance fuq il-bażi ta' dazji ta' importazzjoni ċeduti fuq il-materjal kollu importat għall-prodotti kollha importati taħt l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Dan l-ammont ta' sussidju mbagħad ġie allokat fuq l-fatturat totali tal-esportazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(39) F'dan ir-rieżami, il-Kummissjoni ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha d-dejta għall-importazzjonijiet kollha b'liċenzji AAS li seħħew matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Din id-dejta ġiet użata matul l-investigazzjoni preċedenti meta r-rata ta' sussidju taħt l-AAS kient inizjalment stabbilita għal Reliance. Minflok, Reliance ipprovdiet dejta relatata mal-liċenzji AAS miftuħa biss matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u għall-prodott ikkonċernat biss. Il-Kummissjoni infurmat lil Reliance li għar-raġunijiet diskussi fil-premessi (31) u (37) ta' dan ir-Regolament, din id-dejta ġiet ikkunsidrata bħala insuffiċjenti u talbet li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti, kif mitluba fil-kwestjonarju. Reliance ma pprovdietx l-informazzjoni mitluba, u spjegat li l-materjal ta' input importat taħt l-AAS għall-produzzjoni ta' PET kien impurtat ukoll taħt l-AAS miftuħa għal ħafna prodotti oħra inklużi dawk prodotti minn setturi oħra tan-negozju tal-kumpanija.

(40) Minħabba n-nuqqas ta' dejta xierqa, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tikkalkola l-ammont ta' sussidju fuq il-bażi ta' dazji ta' importazzjoni ċeduti fuq il-materjali kollha importati għall-prodotti kollha fl-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami bħal fl-investigazzjoni preċedenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, kif propost minn Reliance, il-kalkolu kien isir fuq il-bażi tat-total ta' tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni ikklerjati matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami skont il-liċenzji tal-AAS relatati mal-prodott ikkonċernat. Il-GOI kkonferma li huwa improbabbli li kumpanija ma titlobx benefiċċju li hija intitolata għalih skont liċenzja tal-AAS. Fuq din il-bażi, bl-użu tas-SION, l-ammont ta' dazji ffrankati fuq inputs importati jista' jkun ikkalkolat b'mod affidabbli.

(41) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami jammonta għal 4,67 %.

3.2.6. *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(42) Reliance ma qablitx mal-użu ta' SION biex ikun ikkalkolat il-benefiċċju taħt l-AAS. Il-kummpanija ġibdet l-attenzjoni li l-Kummissjoni użat dan il-metodu għaliex, ipotetikament, Reliance setgħet tuża l-liċenzji AAs mogħtija għal prodotti oħra biex timporta materja prima użata għall-produzzjoni tal-PET. Reliance argumentat li l-Kummissjoni ma sostnitx din id-dikjarazzjoni. Il-kumpanija argumentat ukoll li bl-użu tal-metodu bbażat fuq is-SION il-Kummissjoni kkalkulat l-ogħla ammont ta' benefiċċju li Reliance setgħet ipotetikament rċeviet. Reliance argumentat ukoll li fl-investigazzjonijiet preċedenti l-Kummissjoni ikkunsidrat biss il-benefiċċju attwali li waslu għall-prodott ikkonċernat u mhux il-benefiċċji ipotetiċi li setgħu ġew irċevuti għal prodotti oħra. Reliance argumentat li bil-kalkolu tal-benefiċċju taħt AAs, il-Kummissjoni kien imissha kkunsidrat biss id-dazju mitluf fuq l-importazzjonijiet kollha matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami li saru taħt liċenzji attivi tal-AAS miftuħa għall-PET.

(43) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-metodoloġija użata fl-investigazzjoni attwali ġiet żviluppata minn Reliance. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li mhuwiex sempliċi ipoteżi li l-materja prima importata taħt l-liċenzji AAS miftuħa għal prodotti għajr il-PET hi użata fil-produzzjoni ta' PET, u li l-materja prima importata taħt liċenzi domestiċi mhiex. Minħabba l-istruttura tagħha, il-materjali ta' input importati minn Reliance mingħajr dazju taħt il-liċenzji AAS għall-PET mhumiex l-inputs immedjati iżda materja prima bażika bħan-nafta. Kif ikkonfermat minn Reliance matul l-investigazzjoni u nnotat fil-premessa (31), dik il-materja prima bażika hija importata taħt liċenzi AAS (u użata fil-produzzjoni ta') għal prodotti oħra fis-settur petrokimiku u barra minnhu. Ma hemm l-ebda sistemi magħluqa individwali għall-produzzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-prodotti u għalhekk inputs importati taħt il-liċenzji AAS għall-PET huma mħallta ma' inter alia prodotti oħra importati taħt il-liċenzji AAS

għal prodotti oħra. Minn din it-taħlita, qed jiġu prodotti varjetà ta' prodotti għall-esportazzjoni taħt il-liċenzji AAS jew skemi oħra u għas-suq domestiku. Kuntrarjament għal dak li ssostni Reliance, din is-sitwazzjoni flimkien mal-kunsideqrazzjonijiet imsemmija fil-premessa (37) tikkonferma li d-determinazzjoni ta' benefiċċju reali moħtija fuq esportazzjonijiet tal-PET matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami ma jistax ikun limitat għall-eżami ta' importazzjoni ta' inputs taħt liċenzji AAS għall-PET matul dak il-perjodu.

(44) Rigward il-prattika f'investigazzjonijiet preċedenti mfakkra minn Reliance, dak li huwa rilevanti huwa l-investigazzjoni li wasslet għal-livell attwali ta' dazju. Kif imsemmi fil-premessi (38) sa (4) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma ġietx moħtija biżżejjed dejta biex tapplika din il-metodoloġija. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan il-fatt, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-metodoloġija użata fl-investigazzjoni attwali, madankollu, tirrifletti b'mod preċiż il-benefiċċju reali moħti permezz tal-AAS fuq esportazzjonijiet ta' PET matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(45) Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-metodoliġija eżistenti tikkalkula l-oħla mmont possibbli ta' benefiċċju li Reliance tista' tirċievi għall-esportazzjonijiet tal-PET. Il-kalkoli huma bbażati fuq prezzijiet u dazji applikabbli matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami waqt li, kif spjegat fil-premessa (37) hawn fuq, l-esportazzjonijiet rilevanti setgħu saru qabel, matul jew wara l-perjodu. Rigward il-fatt li lbenefiċċju kkalkolat mill-Kummissjoni hu ipotetiku, kif spjegat fil-premessa (40), il-GOI kkonferma li huwa improbabbli li kumpanija ma titlobx benefiċċju li hija intitolata għalih skont liċenzja tal-AAS. Kumpanija tesporta taħt l-AAS biss jekk tkun diġà importat l-inputs rilevanti jew għandha l-ħsieb li tagħmel dan fil-futur qrib. Inkella kumpanija kienet tagħżel id-DDS, deskritta hawn fuq, li ma teħtieġx inputs li jridu jiġu importati. Wara d-divulgazzjoni finali Reliance ma ressqet l-ebda argumenti dwar għaliex ma tkunx tista' titlob il-benefiċċju li l-esportazzjonijiet taħt l-AAS jagħtuha dritt għalih.

(46) Reliance u l-GOI argumentaw li l-benefiċċju kkalkulat fuq il-bażi tal-AAS għandu jkun ristrett għall-benefiċċju żejjed riċevut minn Reliance. Reliance u l-GOI argumentaw li l-AAS għandha titqies bħala skema ta' rifużjoni tad-dazju permissibbli taħt l-Artikolu 3(1)(a) (ii) tar-Regolament bażiku minħabba l-eżistenza ta' sistema ibbażata fuq l-Appendiċi 23 li fiha l-valuri relament ikkunsmat huma rrappurtati. Skont Reliance u l-GOI dan, flimkien maċ-ċertifikazzjoni tal-Appendiċi 23 minn awdituri indipendenti u l-possibbiltà ta' awditu mill-GOI, jikkostitwixxi proċess ta' monitoraġġ adegwat. Fl-aħħar nett, Reliance argumentat li, minħabba l-effiċjenza tagħha, sakemm jiġi rispettat SION, il-GOI jista' jkun ċert li l-ebda rimesa żejda tad-dazju ma tingħata.

(47) Kif innutat fil-premessa (31) hawn fuq, minħabba ċ-ċirkostanzi ta' Reliance deskritti ulterjorment fil-premessa (43) hawn fuq, il-konsum ta' inputs qed ikun irraportat abbażi ta' SIONs. Waqt il-verifika fuq il-post mill-Kummissjoni, Reliance ma ipprovdietx lill-Kummissjoni Appendiċi 23 għall-prodott ikkonċernat. Tali Appendiċi 23 kien ipprovdut biss lill-Kummissjoni permezz tal-GOI wara l-verifiki fuq il-post imwettqa f'Reliance u fil-bini tal-GOI. Kif muri permezz tal-Appendiċi 23, iċ-ċertifikazzjoni minn awditur indipendenti fiha dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li "il-kwantità awditjat fil-fatt kkunsmata hija bbażata fuq r-rekords tal-kost tal-kumpanija". Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' xi awditu mill-GOI tal-informazzjoni ppreżentata fl-Appendiċi 23, la għall-PET, u lanqas għal kwalunkwe prodott ieħor, magħmul minn Reliance. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma taqbilx li hemm fis-seħħ proċess ta' monitoraġġ adegwat. Fl-aħħar nett, kif imsemmi fil-premessa (34 ta' hawn fuq, is-SIONs infushom ma jistgħux jikkostitwixxu sistema ta' verifika tal-konsum attwali, għaliex l-għamla ta' dawk in-normi standard ma tippermettix lill-Gvern tal-Indja li jivverifika b'biżżejjed preċiżjoni liema ammonti ta' inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni għall-esportazzjoni. Għalhekk, għar-raġunijiet stabbiliti f'din il-premessa, il-Kummissjoni ma taqbilx li l-AAS għandha titqies bħala skema ta' rifużjoni tad-dazju permissibbli taħt l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku.

(48) Reliance innotat ukoll li, minn Lulju 2014, id-dazju ta' importazzjoni ta' riformati niżel minn 10 % għal 2,5 %. Ladarba l-benefiċċju taħt l-AAS kien ikkalkolat abbażi ta' dazji ta' importazzjoni ċeduti, Reliance argumentat li din il-bidla, peress li hija ta' natura dewwiema, għandha tkun riflessa fil-kalkolu tal-benefiċċju moħti taħt l-iskema.

(49) Il-Kummissjoni tinnota li skont l-Artikoli 3(2) u 5 tar-Regolament bażiku, "l-ammont ta' sussidji ta' kompens għandu jiġi kalkulat fit-termini tal-benefiċċji moħtija lill-benefiċjarju, li jinstabu li jkunu jeżistu matul il-perjodu ta' investigazzjoni dwar is-sussidjar". Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, bidliet li jkunu seħħew wara

l-perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni, jistgħu jiġu kkunsidrati biss jekk is-sussidju jew is-sussidji jiġu rtirati jew ikun intwera li s-sussidji ma għadhomx jagħtu xi benefiċċju lill-esportaturi involuti. Dan mhuwiex il-każ hawn.

(50) Il-GOI argumenta li l-Kummissjoni kkunsidrat il-benefiċċju kemm tal-AAS u tad-DDS kontra l-istess tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni. Il-GOI innota li kumpanija tista' tuża l-AAS għal importazzjoni ta' inputs tal-PET iżda aktar tard tesporta xi PET prodott taħt id-DDS. F'dan il-każ, il-kumpanija tkun meħtieġa tagħmel xi esportazzjonijiet oħra għad-dazju mhux imħallas fuq l-inputs. Il-GOI argumenta li jekk f'din is-sitwazzjoni l-Kummissjoni kellha tikkalkula l-benefiċċju fuq il-bażi tat-total ta' dazju fuq l-importazzjoni mhux imħallas taħt l-AAS għall-inputs u ttotali tad-dazju għal esportazzjonijiet irtirat skont id-DDS dan kien iwassal għal għadd doppju ta' benefiċċju.

(51) Il-Kummissjoni tinnota li l-argument tal-GOI jippreżupponi li l-benefiċċju taħt l-AAS kien ikkalkolat biss fuq il-bażi tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u l-benefiċċju skont id-DDS abbażi tal-esportazzjonijiet. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (40) hawn fuq, il-benefiċċju taħt l-AAS kien ikkalkolat abbażi tal-esportazzjonijiet ta' PET matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, u tad-dazju miċħud fuq l-importazzjoni li dawk l-esportazzjonijiet jagħtu dritt għalih. F'din is-sitwazzjoni għadd doppju huwa impossibbli. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-possibbiltà disponibbli taħt din l-iskema, li wieħed jimporta l-inputs b'sistema waħda u jesporta l-outputs li jirriżultaw skont sistema oħra, hu ppruvat ulterjorment li l-metodu użat mill-Kummissjoni huwa xieraq biex ikun ikkalkolat akkuratment il-benefiċċju taħt l-AAS. Dan juri wkoll in-nuqqas ta' traċċabbiltà tal-utilizzazzjoni reali tal-input li ulterjorment turi li l-AAS m'għandiex titqies bħala skema ta' rifużjoni tad-dazju permissibbli skont l-Artikolu 3(1)(a) (ii) tar-Regolament bażiku.

(52) Fl-aħħar nett, Reliance argumentat li peress li l-AAS u d-DDS huma reċiprokament esklużivi l-benefiċċju taħt dawn l-iskemi għandu jkun kkalkolat biss għall-volumi rispettivi tagħhom, billi jintuża l-benefiċċju medju li jista' jinkiseb mill-AAS u d-DDS.

(53) Kif ġie nnutat minn Reliance fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni kkalkolat il-benefiċċju taħt dawn iż-żewġ skemi abbażi tal-volum totali tal-prodott ikkonċernat esportat mill-Indja. Din il-metodoloġija hija f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (51) hawn fuq, il-metodi użati mill-Kummissjoni tikkakula l-benefiċċji taħt l-AAS u d-DDS jikkunsidra sklużività reċiproka ta' dawn iż-żewġ skemi. Għaldaqstant, l-argument ta' Reliance huwa rrifjutat.

3.3. **Skema ta' Rifużjoni tad-Dazju (DDS)**

(54) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li r-rikorrenti użaw id-DDS matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.3.1. *Il-bażi ġuridika*

(55) Id-deskrizzjoni dettaljata tad-DDS tinsab fir-Regoli ta' Rifużjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali 1995 kif emendati b'notifiki suċċessivi.

3.3.2. *Eliġibbiltà*

(56) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

3.3.3. *Implimentazzjoni prattika*

(57) Esportatur eliġibbli jista' japplika għal ammont ta' rifużjoni li jiġi kkalkulat bħala perċentwal tal-valur FOB tal-prodotti esportati taħt din l-iskema. Ir-rati ta' restituzzjoni kienu stabbiliti mill-GTI għal numru ta' prodotti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Huma jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-kwantità jew il-valur medji tal-materjali użati

bħala inputs fil-manifattura ta' prodott u l-ammont medju tad-dazji mħallsa fuq l-inputs. Dawn huma applikabbli irrispettivament minn jekk fil-fatt ikunux tħallsu d-dazji tal-importazzjoni jew le. Ir-rata tad-DDS għall-prodott ikkonċernat matul il-PIR kienet ta' 3,9 % tal-valur FOB sal-21 ta' Settembru 2013, u 3 % minn hemm' il quddiem.

(58) Biex tkun eliġibbli għall-benefiċċji taħt din l-iskema, kumpanija trid tesporta. Fil-mument meta d-dettalji tal-konsenja jiddaħħlu fis-Server Doganali, huwa indikat li l-esportazzjoni qed issir taħt id-DDS u l-ammont DDS huwa ffissat irrevokabbilment. Wara li l-kumpanija tat-trasport marittimu kienet iffajljat Manifest Ġenerali tal-Esportazzjoni u l-Uffiċċju Doganali qabbel b'mod sodisfaċenti dak id-dokument mad-dejta tal-polza ta' esportazzjoni, il-kundizzjonijiet kollha huma ssodisfati biex jawtorizzaw il-ħlas tal-ammont ta' rifużjoni jew b'pagament dirett fuq il-kont bankarju tal-esportatur jew bi draft.

(59) L-esportatur għandu jipproduċi wkoll evidenza ta' realizzazzjoni tar-rikavat mill-esportazzjoni permezz ta' Ċertifikat ta' Realizzazzjoni Bankarja (BRC). Dan id-dokument jista' jiġi pprovdut wara li jkun tħallas l-ammont ta' rifużjoni iżda l-GTI se jirkupra l-ammont imħallas jekk l-esportatur jonqos milli jissottometti l-BRC fi żmien raġonevoli.

(60) L-ammont ta' rifużjoni jista' jintuża għal kwalunkwe għan.

(61) Instab li skont l-istandards Indjani tal-kontabilità, l-ammont ta' rifużjoni tad-dazji jista' jitniżżel fuq bażi tad-dovuti bħala dħul fil-kontijiet kummerċjali, mat-twettiq tal-obbligu ta' esportazzjoni.

3.3.4. *Konklużjoni dwar id-DDS*

(62) Id-DDS tipprovdi sussidji fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. L-hekk imsejjaħ ammont ta' rifużjoni tad-dazju huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI minħabba li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett tal-fondi mill-GTI. Ma hemm l-ebda restrizzjoni dwar l-użu ta' dawn fondi. Barra minn hekk, l-ammont ta' rifużjoni tad-dazji jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li jtejjeb il-likwidità tiegħu.

(63) Ir-rata tar-rifużjoni tad-dazju għall-esportazzjonijiet hija determinata mill-GTI fuq bażi ta' prodott bi prodott. Madankollu, għalkemm is-sussidju huwa msemmi bħala rifużjoni tad-dazju, l-iskema m'għandhiex il-karatteristiċi ta' sistema ta' rtirar ta' dazju permissibbli jew sistema ta' rtirar ta' sostituzzjoni fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-ħlas f'kontanti lill-esportatur mhuwiex marbut ma' ħlasijiet attwali ta' dazji fuq l-importazzjoni fuq il-materja prima, u mhuwiex kreditu ta' dazju biex ipatti għad-dazji fuq importazzjoni ta' materja prima fil-passat jew fil-futur.

(64) Il-ħlas li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett tal-fondi mill-GTI sussegwenti għal esportazzjonijiet li jsir mill-esportaturi għandu jitqies bħala għotja diretta mill-kontinġent tal-GOI dwar il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u għalhekk huwa kkunsidrat bħala speċifiku u kumpensatorju skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(65) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-DDS hija kumpensabbli.

3.3.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(66) Skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kompensatorji f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċevitur, li nstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabilixxiet li l-benefiċċju huwa mogħti lir-riċevitur fil-mument meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni f'din l-iskema. F'dan il-mument il-GTI jkun obbligat li jħallas l-ammont ta' restituzzjonii, xi ħaġa li tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu polza tal-esportazzjoni li turi, fost ħwejjeġ oħra, l-ammont ta' rifużjoni li għandu jingħata għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni, il-GOI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju jew le. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra xieraq li l-benefiċċju skont id-DDS jiġi valutat bħala t-total tal-ammonti ta' rifużjoni miksuba fuq it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jkunu saru taħt din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(67) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti ta' sussidju fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami bħala d-denominatur approprjat, għax is-sussidju huwa subordinat għall-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(68) Għalhekk, il-Kummissjoni stabbiliet li rati ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienu jammontaw għal 3,27 % għal Dhunseri u 1,09 % for Reliance.

3.3.6. *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(69) Reliance innotat li l-benefiċċju taħt id-DDS tnaqqas minn 3 % għal 2,4 % wara l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Reliance argumentat li, minħabba li din il-bidla hija ta' natura permanenti, dan għandu jitqies metajiġi kkalkulat l-benefiċċju taħt id-DDS. Reliance targumenta wkoll li l-benefiċċju ikkalkulat fuq il-bażi tad-DDS għandu jkun ristrett għall-benefiċċji żejda riċevuti minn Reliance, minħabba li d-DDS għandhom ikunu ikkunsidrati bħala skema tar-rifużjoni tad-dazju permissibbli skont l-Artikolu 3(1)(a) (ii) tar-Regolament bażiku.

(70) Rigward it-tnaqqis fil-benefiċċji taħt id-DDS, il-Kummissjoni tinnota li skont l-Artikoli 3(2) u 5 tar-Regolament bażiku, "l-ammont ta' sussidji kompensatorji għandu jiġi kalkulat fit-termini tal-benefiċċju mogħtija lir-riċevitur li jinstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni dwar is-sussidjar". Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, bidliet li jkunu seħħew wara l-perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni, jistgħu jiġu kkunsidrati biss jekk is-sussidju jew is-sussidji jiġu rtirati jew ikun intwera li s-sussidji ma għadhomx jagħtu xi benefiċċju lill-esportaturi involuti. Dan mhuwiex il-każ fl-investigazzjoni attwali u għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud.

(71) Rigward l-argument li d-DDS għandha tkun ikkunsidrati bħala skema tar-rifużjoni tad-dazju permissibbli taħt l-Artikolu 3(1)(a) (ii) tar-Regolament bażiku, m atressaq l-ebda argument ieħor li jsosstni din l-istqarrija. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

3.4. **Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni tal-Beni Kapitali ("EPCGS")**

(72) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li Reliance irċeviet konċessjonijiet skont l-EPCGS li setgħu jiġu allokati lill-prodott ikkonċernat fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.4.1. *Bażi legali*

(73) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-EPCGS tinsab fil-Kapitolu 5 tal-FTP 09-14 kif ukoll fil-Kapitolu 5 tal-HOP I 09-14.

3.4.2. *Eliġibbiltà*

(74) L-esportaturi manifatturi, l-esportaturi negozjanti "marbuta ma'" manifatturi ta' appoġġ u fornituri tas-servizzi huma eliġibbli għal din l-iskema.

3.4.3. *Implimentazzjoni prattika*

(75) Bil-kundizzjoni ta' obbligu tal-esportazzjoni, kumpanija hija permessa li timporta prodotti kapitali (prodotti kapitali ġodda jew użati li ma għandhomx aktar minn 10 snin) b'rata ta' dazju mnaqqsa. Għal dan il-għan, il-GTI joħroġ liċenzja tal-EPCGS, wara applikazzjoni u l-ħlas ta' tariffa. L-iskema tipprovdi għal rata ta' dazju mnaqqsa ta' 3 % fuq l-importazzjoni, applikabbli għall-prodotti kapitali kollha importati taħt din l-iskema. Sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-esportazzjoni, il-prodotti kapitali importati jridu jintużaw biex jiġi prodott ċertu ammont ta' prodotti għall-esportazzjoni matul perjodu partikolari. Skont l-FTP 09-14 il-prodotti kapitali jistgħu jiġu importati b'rata ta' dazju ta' 0 % taħt l-EPCGS iżda f'dan il-każ, il-perjodu taż-żmien għat-twettiq tal-obbligu ta' esportazzjoni jkun iqsar.

(76) Id-detentur ta' liċenzja tal-EPCGS jista' jakkwista wkoll il-prodotti kapitali lokalment. F'każ bħal dan, il-manifattur lokali tal-prodotti kapitali jista' juża l-benefiċċju għall-importazzjoni mingħajr dazju, tal-komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' dawk il-prodotti kapitali. Inkella, il-manifattur lokali jista' jitlob il-benefiċċju ta' esportazzjoni meqjusa fir-rigward tal-provvista ta' prodotti kapitali lil detentur ta' liċenzja tal-EPCGS.

3.4.4. *Konklużjoni dwar l-EPCGS*

(77) L-EPCGS tipprovdi sussidji fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis fid-dazju jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, minħabba li din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul mid-dazji tal-GTI li kieku kienu jkunu dovuti. Barra minn hekk, it-tnaqqis fid-dazju jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li d-dazji ffrankati mal-importazzjoni jtejbu l-likwidità tal-kumpanija.

(78) Barra dan, l-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, billi dawn il-liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hu preżunt bħala speċifiku u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel sottoparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(79) L-EPCGS ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' rifużjoni tad-dazji jew sistema sostituta ta' rifużjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-prodotti kapitali mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stipulat fl-Anness I punt (i), tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

3.4.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(80) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidju skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, abbażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq oġġetti kapitali importati mifruxa fuq perjodu li jirrifletti l-perjodu ta' deprezzament normali ta' dawn il-oġġetti kapitali fl-industrija kkonċernata. L-ammont ta' sussidju għall-perijodu tal-investigazzjoni tar-reviżjonimbagħad ġie kkalkulat billi nqasam l-ammont totali tad-dazju doganali mhux imħallas bil-perijodu ta' deprezzament. L-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, li jista' jiġi attribwit għall-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, ġie aġġustat permezz taż-żieda ta' mgħax matul dan il-perjodu biex ikun rifless il-valur totali tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata kummerċjali tal-imgħax matul il-perjodu tal-investigazzjoni fl-Indja kienet meqjusa xierqa għal dan il-għan. Fejn saru talbiet iġġustifikati, tnaqqsu d-drittijiet imħallsa kif meħtieġ biex jinkiseb is-sussidju skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku biex jintlaħaq l-ammont tas-sussidju bħala numeratur.

(81) Skont l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont ta' sussidju fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami bħala d-denominatur approprjat, għax is-sussidju huwa subordinat għall-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(82) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li rata ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien jammonta għal 0.43 % għal Reliance

3.5. **L-Iskema tas-Suq Iffokat (FMS)**

(83) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li r-rikorrenti użaw l-FMS matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.5.1. *Bażi legali*

(84) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-FMS tinsab fil-paragrafu 3.14 tal-FTP 09-14 u fil-paragrafu 3.8 tal-HOP I 09-14.

3.5.2. *Eliġibbiltà*

(85) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

3.5.3. *Implimentazzjoni prattika*

(86) Skont din l-iskema l-esportazzjonijiet tal-prodotti kollha li jinkludu esportazzjonijiet ta' PET lejn pajjiżi notifikati skont it-tabelli 1 u 2 tal-Appendiċi 37(C) ta' HOP I 09-14 huma intitolati għal kreditu ta' dazji ekwivalwenti għal 3 % tal-valur FOB. Mill-1 ta' April 2011, l-esportazzjonijiet tal-prodotti kollha lejn il-pajjiżi nnotifikati skont it-Tabella 3 tal-Appendiċi 37(C) ("Swieq ta' Fokus Speċjali") huma intitolati għal kreditu ta' dazju ekwivalenti għal 4 % tal-valur FOB. Ċerti tipi ta' attivitajiet tal-esportazzjoni huma esklużi mill-iskema, eż. l-esportazzjonijiet ta' prodotti importati jew prodotti trasbordati, meqjusa bħala esportazzjonijiet, esportazzjonijiet ta' servizzi u l-fatturat tal-esportazzjoni ta' unitajiet li joperaw taħt żoni ekonomiċi speċjali/unitajiet li joperaw fl-esportazzjoni.

(87) Il-krediti ta' dazju skont il-FMS huma trasferibbli liberament u huma validi għal perjodu ta' 24 xahar mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' intitolament għall-kreditu rilevanti. Huma jistgħu jintużaw għall-ħlas tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe input jew prodotti, inklużi prodotti kapitali.

(88) Iċ-ċertifikat ta' intitolament għall-kreditu jinħareġ mill-port minn fejn ikunu saru l-esportazzjonijiet u wara r-realizzazzjoni tal-esportazzonijiet jew wara li jintbagħtu l-prodotti. Sakemm l-ilmentatur jipprovdi l-kopji tad-dokumentazzjoni tal-esportazzjoni rilevanti kollha (pereżempju, ordni ta' esportazzjoni, fatturi, poloz tat-tagħbija, ċertifikati ta' realizzazzjoni mill-bank), lill-awtoritajiet, il-GTI ma għandu l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-krediti tad-dazju.

3.5.4. *Konklużjoni dwar il-FMS*

(89) L-FMS jipprovdi s-sussidji fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu ta' dazju tal-FMS huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi l-kreditu eventwalment jintuża biex ipaċi d-dazji tal-importazzjoni, u b'hekk inaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li kieku kien irid jiħallas. Barra minn hekk, il-kreditu ta' dazju tal-FMS jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li jtejjeb il-likwidità tiegħu.

(90) Barra dan, l-FMS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(91) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' rifużjoni tad-dazji jew sistema sostituta ta' rifużjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Hija ma tikkonformax mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I punt (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-rifużjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għar-rifużjoni ta' sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Esportatur m'għandu l-ebda obbligu li fil-fatt jikkonsma l-prodotti importati mingħajr dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu ma jiġix ikkalkulat b'rabta mal-inputs li fil-fatt jintużaw. Ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fis-sens tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji tal-FMS irrispettivament minn jekk jimpurtax inputs jew le. Biex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta l-prodotti mingħajr ma jkollu juri li kien importat xi materjal tal-input. Għalhekk, anki esportaturi li jakkwistaw l-inputs tagħhom kollha lokalment u ma jimportaw l-ebda prodotti li jistgħu jintużaw bħala inputs, xorta huma intitolati li jibbenefikaw mill-FMS. Barra minn hekk, esportatur jista' juża l-krediti ta' dazju tal-FMS biex jimporta prodotti kapitali għalkemm il-prodotti kapitali mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi permissibbli ta' rifużjoni tad-dazji, kif stabbilit fl-Anness I punt (i) tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

3.5.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(92) L-ammont ta' sussidji li jistgħu jiġu kkompensati ġie kkalkulat abbażi tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur, li nstab li jeżisti matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kif entrat mir-rikorrenti fuq bażi tad-dovuti bħala introjtu fl-istadju tat-tranżazzjoni ta' esportazzjoni. Skont l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku dan l-ammont (in-numeratur) ta' sussidju kien allokat fuq id-dħul mill-esportazzjoni tal-prodott kkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-rieżami bħala d-denominatur approprjat, għax is-sussidju huwa assoċjat mal-prestazzjoni ta' esportazzjoni u ma kienx mogħti permezz ta' referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(93) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li rati ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienu jammontaw għal 0,41 % għal Dhunseri u 1,16 % for Reliance.

3.5.6. *L-irtirar u s-sostituzzjoni ta' FMS*

(94) Fl-1 ta' April 2015, il-Gvern tal-Indja ppubblika l-FTP il-ġdid għall-2015-2020. Fl-FTP l-ġdid, l-FMS, flimkien ma' erba' skemi oħra, hija sostitwita bl-Iskema ta' Inċentiv għall-Esportazzjoni tal-Merkanzija (Merchandise Export Incentive Scheme — MEIS). MEIS mhuwiex applikabbli għal esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, billi l-PET mhuwiex elenkat fil-lista tal-prodotti notifikati. Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, l-ebda miżura ma għandha tiġi imposta fir-rigward ta' din l-iskema ta' sussidju.

3.6. **Skema tal-Prodott Iffokat (FPS)**

(95) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li r-rikorrenti użaw l-FPS matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.6.1. *Bażi legali*

(96) Id-deskrizzjoni ddettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 3.15 sa 3.17 tal-FTP 09-14 u l-Kapitoli 3.9 sa 3.11 tal-HOP I 09-14.

3.6.2. *Eliġibbiltà*

(97) Skont il-paragrafu 3.15.2 tal-FTP 09-14, l-esportaturi tal-prodotti notifikati fl-Appendiċi 37D tal-HOP I 09-14 huma eliġibbli għal din l-iskema.

3.6.3. *Implimentazzjoni prattika*

(98) Esportatur tal-prodotti inkluż fil-lista tal-Appendiċi 37D tal-HOP I 09-14 jista' japplika għal azzjonijiet ta' Kreditu ta' Dazju tal-FPS ekwivalenti għal 2 % jew 5 % tal-valur tal-esportazzjonijiet FOB. Il-prodott ikkonċernat huwa elenkat taħt it-tabella 1 tal-Appendiċi 37D u huwa intitolat għal kreditu ta' dazju ta' 2 %.

(99) L-FPS hija skema ta' wara l-esportazzjoni, jiġifieri kumpanija għandha tesporta sabiex tkun eliġibbli għall-benefiċċji ta' din l-iskema. Bħala riżultat, il-kumpanija tkompli timla applikazzjoni onlajn lill-awtorità rilevanti flimkien mal-kopji tal-ordni tal-esportazzjoni u l-fattura, l-irċevuta tal-bank li turi l-ħlas tal-ispejjeż tal-applikazzjoni, il-kopja tal-poloz ta' tagħbija u ċ-ċertifikat ta' realizzazzjoni tal-bank għall-irċevuta tal-ħlas jew iċ-ċertifikat barrani ta' ħlas fuq l-importazzjoni fil-każ ta' negozjar dirett ta' dokumenti. F'każijiet fejn il-kopja oriġinali tal-poloz ta' tagħbija u/jew iċ-ċertifikati tar-realizzazzjoni tal-bank ikunu ġew sottomessi għall-benefiċċji mitluba skont kwalunkwe skema oħra, il-kumpanija tista' tissottometti kopji ta' awtoċertifikazzjoni li jikkwotaw l-awtorità rilevanti fejn ikunu ġew sottomessi d-dokumenti oriġinali. L-applikazzjoni onlajn għall-krediti tal-FPS tista' tkopri massimu ta' 50 polza ta' tagħbija.

(100) Il-Kummissjoni sabet li skont l-istandards Indjani tal-kontabilità, il-krediti tad-FPS jistgħu jitniżżlu fuq il-bażi tad-dovuti bħala dħul fil-kontijiet tal-kummerċ, malli jiġi sodisfatt l-obbligu tal-esportazzjoni. Dawn il-krediti jistgħu jintużaw biex jitħallsu d-dazji doganali fuq importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe prodott — ħlief prodotti kapitali u prodotti fejn ikun hemm restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni. Il-prodotti importati b'dawn il-krediti jistgħu jinbiegħu fis-suq domestiku (soġġetti għal taxxa fuq il-bejgħ) jew jintużaw mod ieħor. Il-krediti tad-FPS huma trasferibbli liberament u huma validi għal perjodu ta' 24 xahar mid-data tal-ħruġ.

3.6.4. *Konklużjoni dwar l-FPS*

(101) L-FPS tipprovdi sussidji fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu tad-FPS huwa kontribut finanzjarju mill-GTI, billi l-kreditu jintuża eventwalment biex ipaċi d-dazji ta' importazzjoni, b'hekk jitnaqqas id-dħul tal-GTI mid-dazju li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, il-kreditu FPS jagħti benefiċċju lill-esportatur, għax itejjeb il-likwidità tal-kumpanija.

(102) Barra dan, l-FPS hija assoċjata fil-liġi mal-prestazzjoni fl-esportazzjoni u għalhekk, preżunta bħala speċifika u kompensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(103) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema awtorizzata għar-restituzzjoni tad-dazju jew sistema sostituta ta' restituzzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, parti (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għas-sistema sostituta ta' restituzzjoni) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, esportatur ma għandu l-ebda obbligu li jikkonsma, fil-proċess tal-produzzjoni, il-prodotti importati bla ħlas ta' dazju u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkulat b'konnessjoni mal-inputs li jintużaw fil-produzzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ li tikkonferma liema xiri jiġi kkunsmat fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fit-tifsira tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji FPS irrispettivament minn jekk jimportax xi inputs jew le. Biex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta l-prodotti mingħajr ma jkollu juri li kien importat xi materjal tal-input. Għalhekk, anki esportaturi li jakkwistaw l-inputs tagħhom kollha lokalment u ma jimportaw l-ebda prodotti li jistgħu jiġu użati bħala inputs, jibqgħu intitolati għall-benefiċċji mill-FPS.

3.6.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(104) Skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidji kompensatorji f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċevitur, li nstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. F'dan ir-rigward tqies li l-benefiċċju jingħata lid-destinatarju fil-mument meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni taħt din l-iskema. F'dan il-mument, il-GTI huwa obbligat iċedi d-dazji doganali, li jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Wara li l-awtoritajiet doganali joħorġu polza tal-esportazzjoni li turi, *inter alia*, l-ammont ta' kreditu FPS li għandu jingħata għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni, il-GOI m'għandu l-ebda diskrezzjoni jekk jagħtix is-sussidju jew le. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra xieraq li l-benefiċċju skont l-FPS jiġi vvalutat bħala t-total tal-krediti miksuba fuq it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jkunu saru taħt din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(105) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li rati ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienu jammontaw għal 1,66 % għal Dhunseri u 1,27 % for Reliance.

3.6.6. *L-irtirar u s-sostituzzjoni tal-FPS*

(106) Fl-1 ta' April 2015, il-Gvern tal-Indja ppubblika l-FTP il-ġdid għall-2015-2020. Fl-FTP l-ġdid, l-FPS, flimkien ma' erba' skemi oħra, hija sostitwita bl-Iskema ta' Inċentiv għall-Esportazzjoni tal-Merkanzija (Merchandise Export Incentive Scheme — MEIS). MEIS mhuwiex applikabbli għal esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, billi l-PET mhuwiex elenkat fil-lista tal-prodotti notifikati. Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, l-ebda miżura ma għandha tiġi imposta fir-rigward ta' din l-iskema ta' sussidju.

3.7. **Skema ta' Inċentivar tal-Esportazzjonijiet Inkrementali (IEIS)**

(107) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li Dhunseri għamlet użu mill-IEIS matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.7.1. *Bażi legali*

(108) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-IES tinsab fil-Kapitolu 3 l-paragrafiu 3.14.4 tal-FTP 09-14 u fil-Kapitolu 3 l-paragrafu 3.8.3 tal-HOP I 09-14.

3.7.2. *Eliġibbiltà*

(109) L-iskema hija disponibbli għal esportaturi li esportaw matul is-sena fiskali 2011-12 u s-sena fiskali 2012-13.

3.7.3. *Implimentazzjoni prattika*

(110) L-objettiv tal-Iskema huwa li jinċentiva al-esportazzjonijiet inkrementali. L-iskema hija speċifika għar-reġjun u tkopri l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Ewropa u l-Asja, kif ukoll 53 pajjiż fl-Amerika Latina u l-Afrika.

(111) Esportatur jkun intitolat għal ċertifikat ta' kreditu ta' dazju ta' 2 % fuq it-tkabbir inkrementali matul sena finanzjarja meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti fuq il-valur FOB tal-esportazzjonijiet. L-esportatur għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu li biha jitlob il-benefiċċju fl-aħħar tas-sena finanzjarja rilevanti. L-ammont tal-benefiċċju huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-fatturat totali mill-esportazzjoni miksub mill-esportatur. Iċ-ċertifikat ta' kreditu ta' dazju kkalkolati u mogħtija fuq din il-bażi huma trasferibbli liberament. Tali ċertifikat huwa wkoll eliġibbli għal akkwist domestiku u għal ħlas ta' Taxxa fuq is-Servizzi.

3.7.4. *Konklużjoni dwar l-IEIS*

(112) L-IEIS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu tal-IEIS huwa kontribut finanzjarju mill-GOI, billi l-kreditu jintuża eventwalment biex ipaċi d-dazji ta' importazzjoni, b'ħekk jitnaqqas id-dħul tal-GOI mid-dazju li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, il-kreditu tal-IEIS jagħti benefiċċju lill-esportatur, għax iżid il-likwidità tal-kumpanija.

(113) Iktar minn hekk, l-IEIS huwa assoċjat fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u għalhekk, huwa kkunsidrat bħala speċifiku u jista' jiġi kkompensat skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(114) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema awtorizzata għar-restituzzjoni tad-dazju jew sistema sostituta ta' restituzzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, parti (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għas-sistema sostituta ta' restituzzjoni) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, esportatur ma għandu l-ebda obbligu li jikkonsma, fil-proċess tal-produzzjoni, il-prodotti importati bla ħlas ta' dazju u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkulat b'konnessjoni mal-inputs li jintużaw fil-produzzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ li tikkonferma liema xiri jiġi kkunsmat fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fit-tifsira tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji tal-IEIS irrispettivament minn jekk jimportax xi inputs jew le. Sabiex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta l-prodotti mingħajr ma juri li ġie importat xi materjal tal-input. Għalhekk, anki esportaturi li jakkwistaw l-inputs tagħhom kollha lokalment u ma jimportaw ebda prodott li jista' jkun użat bħala input, jibqgħu intitolati li jibbenefikaw mill-IEIS.

3.7.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(115) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidju kompensatorju abbażi tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur, li jinstab li jeżisti tul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Skont l-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont ta' sussidju (numeratur) fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami bħala denominatur approprjat, għax is-sussidju huwa subordinat għall-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(116) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li rata ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien jammonta għal 0,74 % għal Dhunseri.

3.7.6. *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(117) Fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni finali, Dhunseri argumentat li l-iskema kienet skadiet u ma reġgħetx ġiet introdotta fl-FTP l-ġdid għall-2015-2020.

(118) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-iskema ma ġietx rintrodotta mal-FTP l-ġdid u li, skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, l-ebda miżura m'għandha tiġi imposta fir-rigward tal-IEIS. Il-Kummissjoni emendat ir-rata tas-sussidju ġenerali applikabbli għal Dhunseri skont dan.

3.8. **Inċentiv tat-Taxxa fuq id-Dħul għal Riċerka u Żvilupp ("ITIRAD")**

(119) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li Reliance għamlet użu mill-ITIRAD matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.8.1. *Bażi legali*

(120) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-ITIRAD tinstab fl-artikolu 35(2AB) tal-ITA.

3.8.2. *Eliġibbiltà*

(121) Il-kumpaniji involuti fin-negozju tal-bijoteknoliġija jew f'xi negozju tal-manifattura jew tal-produzzjoni ta' kwalunkwe artikolu jew oġġett, li ma jkunux artikoli jew oġġetti speċifikati fil-Ħdax-il Skeda, huma eliġibbli għall-benefiċċji f'din l-iskema. L-iskema tkopri kumpaniji involuti fil-produzzjoni tal-PET.

3.8.3. *Implimentazzjoni prattika*

(122) Għal kull spiża (minbarra dik tal-prezz tal-art u l-bini) fuq faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp in-house kif approvati mid-Dipartiment tar-Riċerka Xjentifika u Industrijali tal-GOI, hu previst tnaqqis ta' somma ekwivalenti għal 200 % tal-kostijiet realment imġarrba għal skopijiet ta' taxxa fuq id-dħul.

3.8.4. *Konklużjoni dwar l-ITIRAD*

(123) L-ITIRAD tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis fiskali skont it-Taqsima 35 (2AB) tal-ITA jikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-GOI, billi dan inaqqas id-dħul tal-GOI mit-taxxa fuq l-introjtu, li altrimenti kient tkun dovuta. Barra dan, it-tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul jagħti vantaġġ lill-kumpannija għaliex din ittejjeb il-likwidità tagħha.

(124) Il-mod kif inhu miktub l-artikolu 35(2AB) tal-ITA jindika li l-ITIRAD hi speċifika de jure skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku u għaldaqstant hi kompensattiva. L-eliġibilità għal din l-iskema mhix immexxija minn kriterji oġġettivi, li huma newtrali skont kif elenkat fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku. Il-benefiċċji minn din l-iskema huma disponiibbli biss għal ċerti industriji peress li l-GOI ma għamilx din l-iskema disponibbli għas-setturi kollha. Tali limitazzjoni tikkostitwixxi speċifiċità, peress li l-kategorija "grupp ta' industriji" fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament bażiku tiddeskrivi sinonimament restrizzjonijiet tas-settur. Din ir-restrizzjoni mhix ekonomika fin-natura tagħha u għandha applikazzjoni orizzontali bħal restrizzjoni fuq in-numru ta' impjegati u d-daqs tal-intrapriża.

3.8.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(125) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidju skont id-differenza bejn it-taxxa fuq id-dħul matul il-perjodu ta' stħarriġ ta' rieżami kemm bl-applikazzjoni tal-artikolu 35(2AB) tal-ITA jew mingħajrha. Dan is-sussidju huwa relatat mal-bejgħ kollu, domestiku u esportat, tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, l-ammont tas-sussidju (numeratur) ġie allokat fuq il-bażi tal-fatturat tal-kumpanija relatat mal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami bħala d-denominatur xieraq skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(126) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li rata ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien jammonta għal 0,04 % għal Reliance

3.8.6. *Kummenti dwar id-divulgazzjoni finali*

(127) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni finali, Reliance argumentat li, minkejja li hawn fuq innutat li l-ITIRAD huwa relatat mal-bejgħ kollu tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni użat biss il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat bħala d-denominatur fil-kalkolu tar-rata tas-sussidju għall-iskema.

(128) Wara li analizzat dan il-kumment, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid ir-rata ta' sussidju kif jixraq. Għalhekk, il-Kummissjoni stabbiliet li r-rata ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienet tammonta għal 0,01 % għal Reliance.

3.9. **L-Iskema ta' Inċentivi tak-Bengal tal-Punent 1999 ("WBIS 1999")**

(129) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li Dhunseri użat il-WBIS 1999 matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.9.1. *Bażi legali*

(130) Id-deskrizzjoni dettaljata ta' din l-iskema kif applikata mill-Gvern tal-Bengal tal-Punent ("GOWB") hija ppreżentata fin-Notifika Nru 580-CI/H tat-22 ta' Ġunju 1999 tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija tal-GOWB.

3.9.2. *Eliġibbiltà*

(131) Il-kumpaniji li jwaqqfu stabbiliment industrijali ġdid jew li jagħmlu espansjoni fuq skala kbira ta' stabbiliment industrijali eżistenti f'żoni inqas żviluppati huma eliġibbli biex jużaw benefiċċji taħt din l-iskema. Madankollu, teżisti lista eżawrjenti ta' industriji mhux eliġibbli (lista negattiva ta' industriji) li timpedixxi kumpaniji f'ċerti oqsma tal-operazzjonijiet milli jibbenefikaw mill-inċentivi.

3.9.3. *Implimentazzjoni prattika*

(132) L-Istat tal-Bengal tal-Punent jagħti lill-kumpaniji industrijali eliġibbli inċentivi fil-forma ta' numru ta' benefiċċji, inkluża eżenzjoni mit-taxxa ċentrali fuq il-bejgħ ("CST") u ħelsien mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("CENVAT") fuq il-bejgħ ta' prodotti lesti, sabiex jinkoraġġixxi l-iżvilupp industrijali ta' żoni ekonomikament inqas żviluppati f'dan l-Istat.

(133) Taħt din l-iskema, il-kumpaniji jridu jinvestu f'żoni li għadhom mhux żviluppati. Dawn iż-żoni, li jirrappreżentaw ċerti unitajiet territorjali fil-Bengal tal-Punent huma kklassifikati f'kategoriji differenti skont l-iżvilupp ekonomiku tagħhom filwaqt li fl-istess ħin hemm żoni żviluppati esklużi mill-applikazzjoni tal-iskemi ta' inċentivi. Il-kriterji prinċipali biex jiġi stabbilit l-ammont tal-inċentivi huma d-daqs tal-investiment u ż-żona fejn tinsab jew fejn se tkun qiegħda l-intrapriża.

3.9.4. *Konklużjoni dwar WBIS 1999*

(134) Din l-iskema tipprovdi sussidji fis-sens tal-Artikoli 3(1)(a)(ii) u 3(2) tar-Regolament bażiku. Hija tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Bengal tal-Punent, billi l-inċentivi mogħtija, fl-eżenzjoni preżenti mis-CST u l-ħelsien mis-CENVAT fuq il-bejgħ ta' prodotti lesti, inaqqsu d-dħul mit-taxxa li kien ikun dovut. Barra minn hekk, dawn l-inċentivi jagħtu lil kumpanija benefiċċju, billi jtejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha billi ma jitħallsux taxxi li kienu jkunu dovuti.

(135) Barra dan, din l-iskema hija speċifika għar-reġjun fis-sens tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku billi hija disponibbli biss għal ċerti kumpaniji li investew f'ċerti żoni ġeografiċi indikati fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Istat ikkonċernat. Mhijiex disponibbli għal kumpaniji li ma jinsabux f'dawn iż-żoni u, barra minn hekk, il-livell tal-benefiċċju huwa differenzjat skont iż-żona kkonċernata.

(136) Il-WBIS 1999 għalhekk hija kumpensabbli.

3.9.5. *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(137) Il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' sussidju fuq il-bażi tal-ammont ta' taxxa fuq il-bejgħ u s-CENVAT fuq il-bejgħ tal-prodotti lesti li normalment kien dovut matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami iżda li b'din l-iskema baqa' ma tħallasx. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju (numeratur) ġie allokat fuq il-bejgħ totali matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni bħala denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju mhuwiex kontinġenti fuq l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet immanifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(138) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li rata ta' sussidju fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kien jammonta għal 0,09 % għal Dhunseri.

3.9.6. *L-iskadenza tal-intitolament għall-benefiċċji taħt WBIS 1999*

(139) Dhunseri kienet eliġibbli biex tibbenefika mill-iskema għal ħdax-il sena wara l-espansjoni tal-kapaċità fuq skala kbira eliġibbli. Dan l-intitolament skada u ma ġiex imġedded f'Mejju 2014. Minn dik id-data, l-iskema ma għadhiex tagħti benefiċċju lil Dhunseri.

(140) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, l-ebda miżura ma għandha tiġi imposta fir-rigward ta' din l-iskema ta' sussidju.

4. **L-AMMONT TAS-SUSSIDJI KUMPENSABBLI**

(141) Il-Kummissjoni tfakkar li l-marġni tas-sussidju stabbilit għal Dhunseri bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2005 kien ta' 13,9 % u li l-marġni tas-sussidju stabbilit għal Reliance bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 906/2011 kien ta' 10,7 %.

(142) Matul ir-rieżami interim parzjali preżenti l-Kummissjoni sabet li l-ammont ta' sussidji kompensatorji, espress *ad valorem*, hu ta' 3,2 % għal Dhunseri u 6,2 % għal Reliance.

It-Tabella 1

Rati ta' sussidju għal skemi ta' kompens individwali

	AAS	DDS	EPCGS	ITIRAD	L-AMMONT TOTALI
Dhunseri	—	3,27 %	—	—	3,2 %
Reliance	4,67 %	1,09 %	0,43 %	0,01 %	6,2 %

(143) Il-Kummissjoni tfakkar li l-miżuri kompensatorji imposti fuq l-importazzjonijiet ta' PET mill-Indja, li attwalment huma fis-seħħ, jikkonsistu f'dazji speċifiċi. Il-Kummissjoni sabet li d-dazji kompensatorji speċifiċi huma 35,69 EUR/tunnellata għal Dhunseri u 69,39 EUR/tunnellata għal Reliance.

5. **IN-NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI MIBDULA FIR-RIGWARD TAS-SUSSIDJU**

(144) Skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iċ-ċirkostanzi fir-rigward tas-sussidju inbidlux b'mod sinifikanti matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(145) Il-Kummissjoni stabbilxxiet li, matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, ir-rikorrenti komplew jibbenefikaw mill-għoti ta' sussidji kompensatorji mill-GOI. Barra minn hekk, ir-rati ta' sussidju misjuba matul ir-rieżami preżenti huma aktar baxxi minn dawk stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1645/2005 u bir-Regolament (KE) Nru 906/2011 rispettivament. Mhi disponibbli l-ebda evidenza li turi li l-iskemi kompensatorji se jitwaqqfu jew li se jiġu introdotti skemi ġodda fil-futur qrib.

(146) Peress li ntwera li r-rikorrenti qed jirċievu inqas sussidji minn qabel u li huma aktarx se jkomplu jirċievu sussidji ta' ammont inqas minn dak determinat fl-aħħar investigazzjoni ta' rieżami, ġie konkluż li l-kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti hija ogħla mis-sussidju kompensabbli li qed jikkawża l-ħsara u li l-livell tal-miżuri għandu għalhekk jiġi emendat biex jirrifletti s-sejbiet il-ġodda.

6. **BIDLA FL-ISEM TA' WIEĦED MIR-RIKORRENTI**

(147) Dhunseri infurmat lill-Kummissjoni li fl-1 ta' April 2014, b'riżultat ta' riorganizzazzjoni, isimha nbidel għal Dhunseri Petrochem Limited.

(148) Il-kumpanija sostniet li l-bidla fl-isem u r-riorganizzazzjoni ma għandhom l-ebda impatt materjali fuq ir-rieżami preżenti, għaliex il-kumpanija diġà kienet qed topera d-diviżjonijiet tat-te u tal-petrokimiċi bħala żewġ unitajiet separati fi ħdan il-kumpanija, b'żewġ settijiet separati ta' kontijiet.

(149) Il-Kummissjoni eżaminat it-tagħrif mogħti u kkonkludiet li l-bidla fl-isem bl-ebda mod ma taffettwa s-sejbiet preżenti.

7. **OFFERTI GĦAL IMPENN FUQ IL-PREZZ**

(150) Wara d-divulgazzjoni finali kemm Dhunseri u wkoll Reliance ippreżentaw offerti ta' impenn fuq il-prezz. Iż-żewġ offerti ġew irrifjutati minħabba li n-natura ta' sussidjar toħloq sitwazzjoni fejn l-impenn fuq il-prezz tal-importazzjoni minimu kien iwassal għal żieda fis-sussidjar. Dan huwa minħabba li l-livell ta' sussidjar skont id-DDS, li tintuża miż-żewġ kumpaniji, jiddependi fuq il-valur FOB tal-prodotti esportati taħt din l-iskema. Barra minn hekk l-istruttura taż-żewġ kumpaniji u l-gruppi tagħhom kienet tagħmel il-monitoraġġ effettiv tal-impenn imprattikabbli.

(151) [Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-ringiela relevanti fit-tabella li tikkonċerna lil Dhunseri Petrochem & Tea Limited fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 461/2013 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Dazju kumpensatorju (EUR/tunnellata)	kodiċi addizzjonali TARIC
"L-Indja	Dhunseri Petrochem Limited	35,69	A585"

Ir-ringiela relevanti fit-tabella li tikkonċerna lil Relaince Industries Limited fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 461/2013 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Dazju kumpensatorju (EUR/tunnellata)	kodiċi addizzjonali TARIC
"L-Indja	Reliance Industries Limited	69,39	A181"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).